# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.8

## Kap 4. Ħarsu ftit 'l hemm

## Lezzjoni 4.8: Ejja ħa ngħinek

**L-għanijiet:**

**L-istudenti:**




1. jifhmu u jirrealizzaw li l-għajnuna mhux bil-kliem biss.
2. jiġu konxji ta' dan permezz ta' stejjer konkreti.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Video: War from the eyes of a little boy
  https://www.youtube.com/watch?v=GV8-gVhnTIw

- Armonija
  https://www.youtube.com/watch?v=gIAkpuC1ANU

- Karta ta' taħriġ 4.8

- L-istorja ta' Alan

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri l-film tat-tifel. Dan il-film qasir juri r-realtà tat-tfal fis-Syria. Jista' jimpressjonahom lit-tfal imma hu tajjeb ħafna. Iddiskuti dan il-film.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Staqsi lit-tfal x'iħossu x'ħin raw dan il-filmat. Oħroġ l-elementi ta' biki, dwejjaq, biżgħa, konfużjoni.

2. Staqsi fejn nistgħu naraw aħna wkoll ġo Malta dawn l-elementi.

3. Aqra l-istorja ta' Alan.

4. Ħu r-reazzjonijiet tat-tfal. Iddiskuti kif setgħu għenu t-tfal f'dan ir-rigward ta' Alan.

5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.8 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex jiddiskutu Attività 1 u fuq dak li jkunu semgħu anke mill-powerpoint jiddiskutu l-istorja ta' Sam.

6. Stieden lit-tfal jaħdmu Attività 2 u stidinhom jaqsmu dak li jkunu kitbu mal-bqija tal-klassi.

7. Asal għal Attività 3. Qajjem diskussjoni dwar il-mard fil-Milied u wara li tistieden għas-skiet, għid lit-tfal jaqsmu flimkien xi talbiet għal dawn in-nies.

8. Agħlaq bl-għanja tal-Milied *Armonija.* Tajjeb li tiddiskutiha mat-tfal u tara x'fehmu. Importanti li jkunu fehmu li Ġesù ma jimpurtahx mit-tiżjin u mid-dawl, imma l-importanti għalih hu li nħalluh jitwieled f'qalbna u fil-qalb tal-oħrajn.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Madwarna wkoll hemm tfal li jbatu fil-Milied.

2. F'dan il-Milied Ġesù qed jistedinni biex ma nixtrix affarijiet bl-addoċċ, nagħti milli għandi, nitlob għal min qed ibati aktar mis-soltu.

3. L-għajnuna li nagħtu f'dan iż-żmien ikun mezz kif dawk il-persuni li jbatu jkunu ferħanin għax iħossuhom maħbuba u rrispettati.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



It-tfal jagħrfu li hemm minn sħabhom li qiegħed ibati u allura jippruvaw jgħinuh kif jistgħu.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



War from the eyes of a little boy
https://www.youtube.com/watch?v=GV8-gVhnTIw

Armonija
https://www.youtube.com/watch?v=gIAkpuC1ANU

## Nitolbu

Bambin Ġesù. Jiena naf li għadni tifel/tifla żgħir/a. Xorta nixtieq nitolbok biex tużani biex inkun ta' għajnuna għal min qiegħed ibati. Fuq kollox, żomm idejk fuqhom u f'dan il-Milied
laqqagħhom ma' nies li jagħtuhom ħafna tama
u kuraġġ biex ma jaqtgħux qalbhom.